ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 27 IT-TLIETA 18 TA' FRAR 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Antoine Saliba Haig, Margaret Mercieca, Jerome Caruana Cilia, Sean Meli.

Il-Kunsilliera Jason Busuttil u Charles Farrugia ġew skuzati minħabba impenji oħrajn.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**27/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 25**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 25 li nżammet nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Antoine Saliba Haig** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm zewg (2) Astensjonijiet peress li l-Vici-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsilliera Margaret Mercieca ma kienux prezenti ghas-seduta Nru 25.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 25 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**27/01/02 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 26**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 26 li nżammet nhar il-Ġimgħa 31 ta' Jannar 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm (1) Astensjoni waħda peress li l-Vici-Sindku Jesmond Aquilina ma kienx prezenti ghas-seduta Nru 26.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 26 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**27/01/03 MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-lokalita' li nżammet nhar il-Ħamis 6 ta' Frar 2014, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsilliera Margaret Mercieca** issekondat l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm (1) Astensjoni waħda peress li l-Vici-Sindku Jesmond Aquilina ma kienx prezenti għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita'.

**Il-Minuti tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**27/01/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-Kunsill sabiex issir il-prezentazzjoni tar-Rapport Finanzjarju u l-Estimi / Pjan ta' Ħidma jiġi diskussi f'dan l-istadju tal-laqgħa. Il-Kunsill approva unanimament. L-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Christian Vella (f'isem *3a Accountants*) għamel il-prezentazzjoni ta' dawn ir-rapporti.

**27/01/05 Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina skuza ruhu mil-laqgħa fit-8.10pm.**

**27/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**27/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill Transport Malta daħħlet applikazzjoni għand il-MEPA biex isir il-footbridge fi Triq is-Sebħ, liema proġett kien ilu mistenni mill-Kunsill Lokali u mill-komunita Qormija speċjalment ir-residenti ta' Tal-Blat 2.

**27/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill fuq inizjattiva tal-Kunsillier Charles Farrugia, se ssir żjara ta' kortesija lill-President tar-Repubblika ta' Malta, nhar it-Tnejn 17 ta' Marzu fil-11.00am. Din iż-żjara se tkun qegħda tiġi organizzata fl-isfond li l-E.T Dr George Abela wasal fit-tmiem tal-Presidenza tiegħu. Il-Kunsilliera ġew imħeġġa sabiex jattendu.

**27/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett tal-Heritage Trail wasal fl-aħħar fażi tiegħu fejn beda ix-xogħol fil-pjazza ta' quddiem il-kappella tal-Madonna tal-Ħlas.

**27/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill saret laqgħa ma' Transport Malta u l-kuntrattur responsabbli mill-proġett ta' kontra l-għargħar rigward il-fażi li jmiss dwar l-għeluq ta' Triq San Sebastjan. Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet tinforma lill-Kunsill li x-xogħol fuq dan il-pont ta' Triq San Sebastjan għandu jibda fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu u jkun komplut sal-aħħar ta' April. Il-Kunsill talab lil Transport Malta biex partijiet minn Triq il-Ġnien u Vjal de La Cruz minn fejn se jgħaddi t-trasport jingħata wiċċ ġdid peress li jinsab fi stat ħażin ħafna.

**27/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li l-għazla li għamel il-Kunsill biex jagħti s-servizz tal-*Online Streaming* lill-*Smart ICT* mhijiex teknikament konformi mal-ispecifikazzjonijiet. Għaldaqstant, is-Sindku Rosianne Cutajar ipproponiet biex tintgħazel it-tieni l-orħos offerta, dik mitfugħa minn *Correct Termination Ltd*. Il-Kunsill approva.

**27/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill baqa' bla risposta wara li kien kiteb lill-Għaqda Dilettanti tal-Presepji sabiex jizgumbraw il-post wara li abbandunaw il-pjanijiet li jagħmlu l-presepju permanenti fis-sala ta' taħt it-teatru Grieg fi Ġnien de La Cruz. Il-Kunsill qabel biex tinkiteb l-aħħar ittra bl-avukat tal-Kunsill sabiex jintalbu jiżgumbraw il-post u li fejn fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill kien se jipproċedi bl-iżgumbrament tal-post a spejjeż tagħhom.

**27/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li ġiet imnedija t-tieni Book Box f'Hal Qormi, ezattament fi Ġnien l-Armier.

**27/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li ntlaħaq ftehim mal-Green Pak, l-ewwel kampanja edukattiva dwar is-separazzjoni tal-iskart għandha tibda fil-ġranet li ġejjin fejn anke se jitqassmu l-vouchers fid-djar biex ir-residenti jkunu jistgħu jieħdu pakkett ta' boroż b'xejn ipprovduti minn Green Pak.

**27/03** **PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' JANNAR 2014**

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2014, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala

moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Jannar 2014
**b)** *Bank Payments* Jannar 2014.
**c)** *Petty Cash* Jannar 2014.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**27/04 MOZZJONIJIET**

**27/04/01 MOZZJONI – 96-2014(VI)**

**Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li mozzjoni 95 pproposta mill-Kunsillier Charles Farrugia fil-perjodu stabbilit mill-liġi, ma tistax titressaq għad-diskussjoni peress li din trid titressaq mill-Kunsillier Farrugia stess li ma kienx prezenti għal-laqgħa tal-Kunsill sakemm m'hemmx kunsillier ieħor li jrid iressaqha hu. Ħadd mill-Kunsillier ma ried iressaq din il-mozzjoni u għaldaqstant ma setgħetx tersaq għad-diskussjoni.**

**27/04/02 MOZZJONI – 97-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*Peress li l-Kunsill Lokali iħoss li l-lokalita ta' Ħal Qormi hija nieqsa minn Dar tal-Anzjani li hija tant meħieġa*

*Peress li wieħed mis-siti earmarked ghal Dar tal-Anzjani fuq proprjeta tal-Gvern, huwa fuq ic-Centru tas-Saħħa;*

*Peress li l-Kunsill jemmen f'investiment ta' Public and Private Partnership;*

*Nipproponi biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jiffirma l-Memorandum of Understanding anness sabiex jissapportja investiment mill-privat sabiex issir kostruzzjoni ta' Dar tal-Anzjani fuq il-binja ezistenti li sservi ta' Centru tas-Sahha fi Triq il-Vitorja.*

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (8) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

Il-Kunsilliera Ralph Puli u Jerome Caruana Cilia xtaqu jirreġistraw li huma qed jivvutaw favur il-kuncett li l-Kunsill jissapportja dan il-proġett għal Dar ta' Anzjani izda mhux lil xi persuna partikolari li tkun intenzjonata tagħmel il-proġett .

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 97-2014 (VI).**

**27/04/03 MOZZJONI – 98-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*Peress li l-kuntratti mal-għaqdiet lokali ghas-sezzjonijiet taz-zghazagh u kulturali, skadew fis-sena 2013;*

*Peress li l-Kunsill jemmen l-Iżvilupp tal-Komunita' jseħħ biss jekk l-individwu jipparteċipa b'mod sħiħ fl-attivitajiet tal-komunita'.*

*Peress li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi jpoġġi lill-bniedem fiċ-Ċentru ta' l-attivita' tiegħu.*

*Peress li l-Kunsill jemmen fit-tisħiħ tal-impenn favur iż-żgħażagħ u l-Kultura;*

*Peress li l-Kunsill jemmen fl-għaqda u f'ħidma konġunta bejn l-għaqdiet lokali;*

*Nipproponi biex il-Kunsill Lokali Ħal Qormi joħroġ sejħa għall-organizazzjoni ta' attivitajiet minn għaqdiet lokali għas-sezzjonijiet żgħażagħ u kulturali.*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (8) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 98-2014 (VI). Il-Kunsill għandu joħroġ is-sejħa għall-organizazzjoni ta' attivitajiet minn għaqdiet lokali għas-sezzjonijiet taz-żgħżagħ u kulturali.**

**27/05 RAPPORTI**

**27/05/01 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2013 QABEL ISIR L-AWDITJAR**

Wara l-preżentazzjoni mressqa mill-*accountant* tal-Kunsill, fejn fis-sena 2013 kien hemm kontroll tajjeb tal-ispiza ħdejn is-snin preċedenti u li dan kien dovut minħabba l-fatt li l-Kunsill kien jinsab f'deficit, għal darb'oħra ġie nnutat li l-Kunsill irid jagħmel sforz biex jipprova jdaħħal xi flus minn dawn iċ-ċitazzjonijiet li baqgħu pendenti u huma dovuti lill-Kunsill. Barraminnhekk, il-Kunsill innota wkoll li l-unika spiza li qabżet l-istima b'mod konsiderevoli hija dik relatata mal-organizazzjoni ta' attivitajiet. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** irringrazzjat lill-*accountant* tax-xogħol tiegħu kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv li b'attenzjoni qed jillimita l-ispejjeż mhux ta' prijorita' biex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni finanzjarja aħjar u jkun jista' jwettaq proġetti kapitali u ta' manutenzjoni. Ġie innutat ukoll li l-Gvern Ċentrali ħallas il-flus dovuti tat-*tipping fees* sal-aħħar tas-sena 2013.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet** mozzjoni għall-approvazzjoni ta' dan ir-rapport finanzjarju għas-sena 2013 sabiex ikun jista' jibda l-awditjar. **DOK 'B'**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (8) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni.**

**27/05/02 APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI ANNWALI GĦAS-SENA 2014 U L-PJAN TA' ĦIDMA**

Wara l-preżentazzjoni mressqa mill-*accountant* tal-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Estimi Annwali għas-sena 2014 liema rapport tressaq fil-laqgħa annwali tal-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li inżammu l-istess figuri skont dak li ġie stmat fis-sena preċedenti u l-ispiża attwali għall-istess sena u saru xi modifiki fejn kien hemm bidla fil-kuntratti matul is-sena. Għal din is-sena se jkun fadal Eur68,000 għal spejjeż kapitali fejn bihom għandu jsir asfaltar ta' toroq u bankini ġodda kif ukoll monument li jikkommemora l-isport u ieħor lill-vittmi tal-logħob tan-nar. Ġie spjegat li l-Pjan ta' Ħidma saru l-modifiki skont l-Estimi Annwali 2014.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet** mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-Estimi Annwali 2014 u l-Pjan ta' Ħidma 2014-16. **DOK 'C-D'**

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien (8) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni.**

**27/05/03 Il-Kunsillier Robert Cremona skuza ruħu mil-laqgħa fit-8.25pm.**

**27/05/04 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT MILL-BORD TAL-GĦAŻLA GĦALL-IMPJIEG TA' GENERAL HAND (SKALA 18 - CLEANER)**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** iddikjara li għandu relazzjoni familjari ma' waħda mill-applikanti u għaldaqstant kien qed jeżentu ruħu mid-diskussjoni. **Il-Kunsillier Ralph Puli** kien irriżenja mill-Bord għall-istess raġuni.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-proċess kien jinvolvi billi wara li saret sejħa interna bejn il-Kunsilli Lokali u ma applika ħadd, l-ETC bagħtet lista' ta' persuni li jirreġistraw sabiex l-għażla issir minn din il-lista' fejn iżda kienu erbgħa biss li attendew għall-intervista.

**Is-Sindku Rosianne Cutajar**, Chairperson tal-istess Bord tal-Għażla ippreżentat ir-rapport mill-Bord tal-Għażla fejn ġie rrakkomandat li tintgħazel is-Sinjura Sebastian Tanti peress li għandha esperjenza twila f'dan ix-xogħol mal-istess Kunsill Lokali u anke peress laħqet ir-rekweżiti mitluba fis-sejħa. **DOK 'E'**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet** mozzjoni għall-ħatra ta' Sebastiana Tanti fil-kariga ta' P/T General Hand (Skala 18 – Cleaner)

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Sitt (6) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni. Il-Kunsillier Ralph Puli ma kienx preżenti minħabba li ddikjara interess familjari.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni.**

**27/06 KORRISPONDENZA**

**27/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'F1-14'**

1. Korrispondenza mill-Korporazzjoni tal-Enemalta dwar il-każ tal-meter mbagħbas fil-gabbana fil-Ġnien Vjal de La Cruz. L-

Enemalta bagħtet tinforma lill-Kunsill li l-ammont dovut huwa ta' Eur26,333.26. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li dan l-abbuż fil-meter kien ġie skopert fit-30 ta' Marzu 2012, eżattament qabel il-leġislatura ta' dan is-Sitt Kunsill, u fejn saret laqgħa mal-istess Enemalta peress li l-istima pproposta tidher li hija eżaġerata. Il-Kunsill fil-fatt għandu jibgħat kopji tal-kuntratti li kellu tal-kirja tal-istess gabbana bejn is-sena 2007- 2012 fejn kien hemm perjodu li l-gabbana kienet magħluqa u dan biex tiġi emendata l-istima tal-Enemalta. Barraminnhekk, il-Kunsill għandu jikteb lill-kerrejja li kellhom dan il-fond f'dan il-perjodu sabiex titħallas id-differenza bejn il-ħlas li sar u l-istima tal-Enemalta. L-Enemalta lesta wkoll li taċċetta li l-istima tiġi emendata f'każ li fil-perjodu msemmi kien hemm żieda ta' xi apparat li jikkonsma aktar dawl sakemm jiġu ppreżentati invoices u irċevuti u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-istess apparat.

2. Korrispondenza mill-*Malta Records* dwar talba biex isir użu mit-tappieri tal-antarjoli fejn saqsew ukoll jekk dawn humiex proprjeta tal-Kunsill. Il-Kunsill ikkonferma li dawn kienu saru b'fondi tal-Kunsill u li huma proprjeta tal-Kunsill li jista' jsir użu minnhom mill-għaqdiet lokali kollha.

3. Ittra Uffiċjali irreġistrata fil-Qrati ta' Malta dwar biċċa art bejn Triq Lydda u Triq il-Poezija, l-istess art li l-Kunsill kien ippreżenta mandat ta' spoll biex jitneħħa ċint li inbena abbużivament minn terzi persuni, liema ċint tneħħa wara li sar dan il-mandat. L-avukat tal-Kunsill Lokali għandu jwieġeb għal din l-ittra.

4. Petizzjoni mressqa min-numru ta' residenti dwar il-bżonn ta' pedestrian crossing fil-parti bejn Triq l-20 ta' Jannar u Triq is-Sienja Triq il-Ġnien. Il-Kunsill iddeċieda li peress li f'din l-istess żona hemm rizoluzzjoni approvata biex ikun hemm traffic management aħjar, il-Kunsill għandu jagħti struzzjonijiet lill-perit tal-Kunsill biex jistudja l-possibilita' li tiżdied din il-*pedestrian crossing*.

5. Petizzjoni mressqa min-numru ta' residenti li joqgħodu fi Triq il-Belt Valletta (bejn il-grawnd tal-futbol u Triq il-Kanun). F'din il-petizzjoni dawn ir-residenti talbu li t-tabella preżenti ta' "No Entry" tiżdied magħha "Except for Residents", kif ukoll li din l-istess żona l-parkeġġ ikun "Residents Only". Il-Kunsill huwa infurmat li dawn it-talbiet kienu diġa tressqu fil-passat u kienu ġew rifjutati minn Transport Malta. Għalkemm il-Kunsill jifhem l-inkonvenjenzi ta' dawn ir-residenti, il-Kunsill irid joqgħod attent li ma joħloqx periklu speċjalment meta f'dik iż-żona hija ffrekwentata ta' sikwit minn tfal li jattendu n-Nursery tal-futbol. Il-Kunsill innota wkoll li dak li qed jitolbu r-residenti huwa kontra l-policies ta' Transport Malta.

6. Petizzjoni mir-residenti ta' Triq Marju Pace sabiex din it-triq issir one-way. Il-Kunsill għandu jistudja aħjar din il-proposta u jagħmel konsultazzjoni mar-residenti kollha li jistgħu jkunu affettwati b'din id-deċiżjoni.

7. Petizzjoni mir-residenti ta' Triq San Franġisk sabiex l-istess triq kif ukoll Triq il-Mitħna (bejn Triq il-Wied u Pjazza San Franġisk) tkun *one-way* minħabba li t-triq hija dejqa ħafna u qed tkun ta' periklu għall-istess residenti. Il-Kunsill innota li din it-talba kienet diġa ġiet rifjutata minn *Transport Malta* għar-raġuni li din hija triq importanti fil-flow tat-traffiku u l-proposta ta' *one-way* toħloq inkonvenjenzi kbar. Il-Kunsill iħoss ukoll li jekk ikollha tkun one-way, il-periklu f'din it-triq jiżdied għaliex il-vetturi mhux ħa jnaqqsu mill-veloċita' peress li jassumu li mhux se jkunu ġejjin vetturi mid-direzzjoni opposta. Il-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba u għandu jikkonsulta mal-perit dwar xi miżuri li jistgħu jittieħdu biex tiżdied is-sigurta' ta' dawn l-istess residenti.

8. Dwar Memo 34/2013 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u dwar korrispondenza mir-Reġjun Nofsinhar, ġie deċiż biex il-Kunsill Lokali jingħaqad mar-Reġjun Nofsinhar fil-ħruġ tal-offerta tal-Manutenzjoni tal-*Istreet Lighting*.

9. Korrispondenza fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Assistent Prinċipali tal-Kunsill, is-Sinjura Karen Camilleri ġiet maħtura Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali Ħamrun, liema ħatra għad trid tiġi approvata mill-Ministru responsabbli. Il-Kunsill ġie mgħarraf li r-*replacement* irid ikun fuq bażi *back to back*, u s-Sinjura Camilleri iżomm id-dritt li tirritorna mal-Kunsill Lokali fl-istess kariga li kellha. Il-Kunsill approva unanimament sabiex jibda l-proċess għal dan ir-replacement permezz ta' ħatra ta' *Uffiċjal Eżekuttiv fi Skala 13*. Il-Kunsill approva unanimament ukoll il-ħatra tal-bord tal-għażla tal-impjieg ta' din il-kariga li għandu jkun iffurmat hekk: Is-Sindku Rosianne Cutajar (Chairperson), is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat u l-Kunsilliera Bjorn Azzopardi, Sean Meli, u Ralph Puli.

10. Dwar Memo 4/2014 – *Għajnuna lill-Kunsilli Lokali b'responsabbilta' ta' Librerji* maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill approva *nem.con* li jipparteċipa bħas-sena preċedenti.

11. Dwar Memo 5/2014 – *Online Streaming* maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill approva *nem.con* li jipparteċipa.

12. Korrispondenza minn GAL Xlokk: M413.A1B - The Setting up of a Tourist Hub, il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ma jistax japplika minħabba li m'għandux post minn fejn jista' jopera għal dan il-proġett.

13. Korrispondenza mill-Kummissjoni Kulturali Soċjeta Filarmonika Pinto dwar talbu għat-tiġdid tal-kuntratt iżda li jbiddlu l-attivita'. Il-Kunsill għandu jinfurmahom li l-kuntratti mhux se jiġu mġedda kif inhuma u peress li se jsirilhom xi tibdil. Għaldaqstant għandhom jistennew is-sejħa u japplikaw.

14. Korrispondenza minn Maitrise des Hauts de France dwar talba biex il-Kunsill jqabbad lil French Boys' Choir f'attivita' lokali. Il-Kunsill għandu jinfurmahom li mhuwiex interessat minħabba nuqqas ta' fondi.

**27/07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-09:25 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ....................... ......... ta' ...................... 2014.